MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Numru. 468/2007

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Magri)
vs
Justin Polidano, iben Joseph, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Frar, 1985, Karta ta’ l-Identita numru 177285(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-21 ta’ Novembru, 2006 għal ħabta tal-11.00 p.m. flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa mill-fond bl-isem ‘Aquila’, numru 61, Triq San Mikiel, Birżebbuġia kkometta serq ta’ flus kontanti u gizirana tad-deheb għad-dannu ta’ Dolores Balzia, anzjana ta’ 77 sena, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-ħin u bil-lok;
2. talli fl-istess data u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-

liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dolores Balzia kontra l-volonta' tagħha;
3. talli fl-istess data u ċirkostanzi wża vjolenza sabiex iġġiegħel lill-imsemmija Dolores Balzia tagħmel, tħalli jsir jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa;
4. talli fl-istess data u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
5. talli fl-istess data u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' l-istess Dolores Balzia liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda ma tiskorriex il-ħamsin lira maltin (Lm50);
6. talli fl-istess data u ċirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew imposti fuqu b'sentenza tal-5 ta' Ġunju, 2006;
7. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' April, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(e)(f), 262(a)(b), 263, 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 276, 276A, 277(b), 278, 279, 280(2)(3) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 86 u 87(1)(ċ)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 251 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 49, 50 u 51 tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
h. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottuberu, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(e)(f), 262(a)(b), 263, 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 276A, 277(b), 86, 87(1)(ċ)(e), 251, 325(1)(ċ), 49, 50 u 51 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' tlett snin priġunerija. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' tmien mija u sitt euro (€806) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------